

## Proposta għal

### REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta' [...]

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikulari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup> ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 li jstabbilixxi regoli tal-implimentazzjoni rigward il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 huwa implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, kif ukoll bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom;
- (2) Il-Paragrafu 21A.163(c) (Anness, Sezzjoni A) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 jagħti l-privileġġ lid-detenturi ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni li joħorġu Ċertifikati ta' Fruġ Awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) għall-partijiet u t-tagħmir;
- (2) Il-Paragrafu 21A.130 (Anness, Sezzjoni A) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 jirrikjedi li l-elevazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' konformità (il-Formola 1 tal-EASA) tkun ivvalidata mill-Awtorità Kompetenti għall-partijiet u t-tagħmir immanifatturati skont is-Sottoparti F tal-Anness għal dak ir-Regolament;
- (3) Il-Paragrafi M.A.615 (Anness I, Sezzjoni A) u 145.A.75 (Anness II, Sezzjoni A) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 jagħtu l-privileġġ lil organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati li joħorġu Ċertifikati ta' Fruġ Awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) għall-ħruġ tal-partijiet u t-tagħmir wara l-manutenzjoni;

<sup>1</sup> ĠU L 79, tad-19.03.2008, pġ.1

<sup>2</sup> ĠU L 315, tat-28.11.2003, pġ.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, tal-04.04.2007, pġ. 18)

- (4) L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija) ħasset il-bżonn li tipproponi emendi għall-Appendiċi II għall-Anness I (PARTI-M) u għall-Appendiċi I għall-Anness II (PARTI-145) – il-Formola 1 tal-EASA, iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, biex ittejjeb il-fehim dwar id-dejta li trid tinkiteb fil-Formola 1 tal-EASA kif ukoll biex isseddaq l-aċċettazzjoni globali tal-Formola 1 tal-EASA;
- (4) Il-Kummissjoni qablet li l-emendi proposti mill-Aġenzija se jtejbju s-sistema stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003;
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija<sup>3</sup> skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-Opinjoni<sup>4</sup> tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni stabbilita bl-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif jixraq;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

(1) L-Appendiċi II (il-Formola 1 tal-EASA, iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat) tal-Anness I (il-Parti-M) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 qed jinbidel bl-Appendiċi II irrivedut li ġej.

### **Appendiċi II**

#### **ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT – IL-FORMOLA 1 TAL-EASA**

Dawn l-istruzzjonijiet jirrelataw biss mal-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' manutenzjoni. Qed tingħibed l-attenzjoni għall-Appendiċi I għall-Parti-21 li jkopri l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' produzzjoni.

#### **1. GĦAN U UŻU**

Għan primarju taċ-Ċertifikat huwa li jiddikjara l-ajrunavigabilità ta' xogħol ta' manutenzjoni mwettaq fuq prodotti, partijiet u tagħmir (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'oġġett(i)').

Trid tkun stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-Ċertifikat u l-oġġett(i). L-oriġinatur irid iżomm Ċertifikat f'forma li tippermetti l-verifika tad-dejta oriġinali.

Iċ-Ċertifikat huwa aċċettabbli għal ħafna awtoritajiet tal-ajrunavigabilità, imma jista' jkun dipendenti fuq ftehimiet bilaterali u/jew il-politika tal-awtorità tal-ajrunavigabilità. Id-'dejta tad-disinn approvata' imsemmija f'dan iċ-Ċertifikat imbagħad tiġi tfigger approvata mill-awtorità tal-ajrunavigabilità tal-pajjiż importatur.

Iċ-Ċertifikat mhuwiex nota ta' kunsinna jew ta' trasport.

L-inġenji tal-ajru m'għandhomx jinħarġu permezz taċ-Ċertifikat.

Iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixxi approvazzjoni biex ikun installat l-oġġett fuq inġenju tal-ajru, magna, jew skrun partikulari, imma jgħin lill-utent finali biex jiddetermina l-istejtus tal-approvazzjoni rigward l-ajrunavigabilità tiegħu.

Fl-istess Ċertifikat mhijiex permessa taħlita ta' oġġetti maħruġa mill-produzzjoni u maħruġa mill-manutenzjoni.

---

<sup>3</sup> Opinjoni 06/2008

<sup>4</sup> (Għad irid jinħareġ)

## 2. FORMAT ĠENERALI

Iċ-Ċertifikat irid ikun konformi mal-format meħmuż inklużi n-numri tal-blokk u l-pożizzjoni ta' kull blokk. Id-daqs ta' kull blokk jista' madankollu jvarja biex ikun adattat ma' applikazzjoni individwali, imma mhux sal-punt li jirrendi liċ-Ċertifikat wieħed li ma jintgħarafx.

Iċ-Ċertifikat irid ikun f'format landscape imma d-daqs ġenerali jista' jidded jew jonqos b'mod sinjifikanti sakemm iċ-Ċertifikat jibqa' jintgħaraf u jinqara. Jekk ikun hemm dubju għandha tkun ikkonsultata l-Awtorità Kompetenti.

Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Utent/Installatur tista' titpoġġa fuq naħa jew oħra tal-formola.

L-istampar kollu jrid ikun ċar u jista' jinqara biex jippermetti li jinqara faċilment.

Iċ-Ċertifikat jista' jkun jew stampat minn qabel jew iġġenerat minn kompjuter imma f'kull każ l-istampar tal-linji u l-karattri jrid ikun ċar u li jista' jinqara u f'konformità mal-format definit.

Iċ-Ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż, u jekk ikun adattat, b'lingwa jew lingwi oħrajn.

Id-dettalji li jridu jinkitbu fiċ-Ċertifikat jistgħu jkunu stampati minn magna/kompjuter jew miktubin bl-id permezz ta' ittri kapitali u li jippermettu li jinqraw faċilment.

L-użu tat-taqsis għandu jkun limitat għall-minimu, biex tkun meġġuna ċ-ċarezza.

L-ispazju li jibqa' fuq in-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat jista' jintuża mill-orijinatur għal tagħrif addizzjonali imma m'għandux jinkludi dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni. Kwalunkwe użu tan-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat trid tisemma' fil-blokk adattat fil-faċċata ta' quddiem taċ-Ċertifikat.

## 3. KOPJI

M'hemmx restrizzjoni fuq l-għadd ta' kopji taċ-Ċertifikat mibgħuta lill-klijent jew miżmuma mill-orijinatur.

## 4. ŻBALL(JI) F'ĊERTIFIKAT

Jekk utent finali jsib żball(ji) f'Ċertifikat, huwa jrid jidentifikah(hom) bil-miktub lill-orijinatur. L-orijinatur jista' joħroġ Ċertifikat ġdid jekk jista' jivverifika u jikkoreġi l-iżball(ji).

Iċ-Ċertifikat il-ġdid irid ikollu numru ġdid tal-intraċċar, firma u data ġdida.

It-talba għal Ċertifikat ġdid tista' tkun onorata mingħajr verifika mill-ġdid fir-rigward tal-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-Ċertifikat il-ġdid mhuwiex dikjarazzjoni tal-kundizzjoni attwali u għandu jirreferi għaċ-Ċertifikat preċedenti fi Blokk 12 permezz tad-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan iċ-Ċertifikat jikkoreġi l-iżball(ji) fi Blokk(i) [ikteb il-blokk(i) ikkoreġut(i)] taċ-Ċertifikat [ikteb in-numru tal-intraċċar oriġinali] bid-data [ikteb id-data tal-ħruġ oriġinali] u ma jkoprix il-konformità/kundizzjonji/ħruġ għas-servizz". Iż-żewġ Ċertifikati għandhom jinżammu f'konformità mal-perjodu taż-żamma assoċjata mal-ewwel wieħed.

## 5. TLESTIJA TAċ-ĊERTIFIKAT MILL-ORIJINATUR

### **Blokk 1 Awtorità Kompetenti li Tapprova/Il-Pajjiż**

Iddikjara l-isem u l-pajjiż tal-Awtorità Kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha jinħareġ dan iċ-Ċertifikat. Meta l-Awtorità Kompetenti hija l-Aġenzija, jitniżżel biss "EASA".

### **Blokk 2 Titolu tal-Formola 1 tal-EASA**

"ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT"  
FORMOLA 1 TAL-EASA

### **Blokk 3 Numru tal-Intraċċar tal-Formola**

Ikteb in-numru uniku stabbilit mis-sistema/proċedura ta' numerazzjoni tal-organizzazzjoni identifikata fi Blokk 4; dan jista' jinkludi karattri alfa/numeriċi.

#### **Blokk 4 Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni**

Ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ tal-organizzazzjoni approvata (irreferi għall-Formola 3 tal-EASA) li toħroġ ix-xogħol kopert minn dan iċ-Ċertifikat. Logos, eċċ., tal-organizzazzjoni huma permessi jekk jistgħu jiddaħħlu fil-blokk.

#### **Blokk 5 Ordni tax-Xogħol/Kuntratt/Fattura**

Biex jitħaffef l-intraċċar tal-oġġett(i) mill-klijent, ikteb in-numru tal-ordni tax-xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru tal-fattura, jew numru ta' referenza simili.

#### **Blokk 6 Oġġett**

Ikteb in-numri tal-linja tal-oġġett meta jkun hemm aktar minn linja ta' oġġett waħda. Dan il-blokk jippermetti li jsiru referenzi trasversali b'mod faċli mar-Rimarki fi Blokk 12.

#### **Blokk 7 Deskrizzjoni**

Ikteb l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata preferenza lit-terminu użat fl-istruzzjonijiet tal-ajrunavigabilità kontinwa jew id-dejta tal-manutenzjoni (pereżempju Katalgu tal-Partijiet Illustrat, Manwal tal-Manutenzjoni ta' Inġenju tal-Ajru, Bullettin tal-Manutenzjoni, Manwal tal-Manutenzjoni ta' Komponent).

#### **Blokk 8 Numru tal-Parti**

Ikteb in-numru tal-parti kif jidher fuq l-oġġett jew it-tikketta/imballaġġ. Fil-każ ta' magna jew skrun, tista' tintuża l-indikazzjoni tat-tip.

#### **Blokk 9 Kwantità**

Iddikjara l-quantità tal-oġġetti.

#### **Blokk 10 Numru Serjali**

Jekk ikun rekwiżit mir-regolament li l-oġġett għandu jkun identifikat b'numru serjali, iktbu hawn. Barra minn hekk, kwalunkwe numru serjali ieħor mhux rekwiżit mir-regolament jista' jinkiteb ukoll. Jekk mhemmx numru serjali identifikat fuq l-oġġett, ikteb "N/A".

#### **Blokk 11 Stejtus/Xogħol**

It-tabella li ġejja tiddekrivi id-daħliet permissibbli għal Blokk 11. Ikteb waħda biss minn dawn it-termini – fejn aktar minn waħda tista' tkun applikabbli, uża dik li tiddekrivi bl-aktar mod preċiż il-maġġoranza tax-xogħol imwettaq u/jew l-istejtus tal-oġġett.

Daħla	Tifsira
Eżaminat bir-reqqa qabel it-tiswija	Tfisser proċess li jiżgura li l-oġġett jinsab f'konformità sħiħa mat-tolleranzi tax-xogħol applikabbli speċifikati fiċ-ċertifikat tat-tip tad-detentur, jew l-istruzzjonijiet tal-manifattur tat-tagħmir għall-ajrunavigabilità kontinwa, jew fid-dejta li hija approvata jew aċċettata mill-Awtorità. L-oġġett, mill-inqas, irid jiżżarma, jitnaddaf, ikun spezzjonat, jissewwa kif ikun meħtieġ, jintrama mill-ġdid u jkun ittestjat f'konformità mad-dejta speċifikata ta' hawn fuq.
Imsewwi	Rettifikazzjoni tad-difett(i) bl-użu ta' standard applikabbli.*
Spezzjonat/ Ittestjat	Kontroll, kejl, eċċ. f'konformità ma' standard* applikabbli (pereżempju spezzjoni viżwali, testijiet funzjonali, testijiet ta' qabel il-produzzjoni, eċċ.).
Immodifikat	Tibdil ta' oġġett biex isir konformi ma' standard applikabbli.*

\* Standard applikabbli tfisser standard tal-manifattura/disinn/manutenzjoni/kwalità, metodu jew prattika approvati jew aċċettati mill-Awtorità Kompetenti. L-istandard applikabbli għandu jkun deskritt fi Blokk 12.

## **Blokk 12 Rimarki**

Iddeskrivi x-xogħol identifikat fi Blokk 11, direttament jew permezz ta' referenza għal dokumentazzjoni ta' appoġġ, li hu meħtieġ għall-utent jew l-installatur biex jiddetermina l-ajrunavigabilità ta' oġġett(i) fl-ambitu tax-xogħol li qed ikun iċċertifikat. Jekk ikun meħtieġ, tista' tintuża folja separata u tingħata referenza mill-Formola 1 tal-EASA ewlenija. Kull dikjarazzjoni trid tidentifika b'mod ċar ma' liema oġġett(i), fi Blokk 6, tirrelata.

Eżempji ta' tagħrif li jrid jinkiteb fi Blokk 12 huma:

- Dejta tal-manutenzjoni użata, inkluż l-istejtus u r-referenza tar-reviżjoni.
- Konformità mad-Direttivi tal-ajrunavigabilità jew il-bullettini tal-manutenzjoni.
- Tiswijiet imwettqa.
- Modifiki mwettqa.
- Partijiet għall-bdil installati.
- L-istejtus ta' partijiet b'ħajja limitata.
- Devjazzjonijiet mill-ordni tax-xogħol tal-kljent.
- Dikjarazzjonijiet ta' ħruġ biex jissodisfaw rekwiżit tal-manutenzjoni ta' Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili barranija.
- Tagħrif meħtieġ bħala appoġġ għat-trasport b'nuqqasijiet jew immuntar mill-ġdid wara l-kunsinna.
- Id-dikjarazzjoni rigward iċ-ċertifikat ta' ħruġ għax-xogħol ta' komponent imsemmija fil-punt M.A.613:

"Tiċċertifika li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk, ix-xogħol identifikat fi Blokk 11 u deskritt f'dan il-blokk twettaq f'konformità mar-rekwiżiti tas-Sezzjoni A, Sottoparti F, tal-Anness I (il-Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, u fl-ambitu ta' dak ix-xogħol l-oġġett jitqies lest għal ħruġ għax-xogħol. DAN MHUX ĦRUĠ SKONT L-ANNES II (IL-PARTI-145) GħAR-REGOLAMENT (KE) NRU 2042/2003."

Jekk tistampa d-dejta minn Formola 1 tal-EASA elettronika, kwalunkwe dejta mhux adattata għal blokki oħra għandha tinkiteb f'dan il-blokk.

## **Blokk 13a-13e**

Rekwiżiti Ġenerali għal Blokki 13a-13e:

Ma jintużawx għal ħruġ ta' manutenzjoni. Skura jew immarka b'xi mod ieħor biex tevita l-użu bla ħsieb jew mingħajr awtorizzazzjoni.

## **Blokk 14a**

Immarka l-kaxxa(kaxex) adattata(i) u indika liema regolamenti japplikaw għax-xogħol li tlesta. Jekk il-kaxxa "regolamenti oħrajn speċifikati fi Blokk 12" hija mmarkata, f'dak il-każ ir-regolamenti tal-awtorità(ajiet) tal-ajrunavigabilità l-oħra jridu jkunu identifikati fi Blokk 12. Mill-inqas kaxxa waħda trid tkun immarkata, jew iż-żewġ kaxex jistgħu jkunu mmarkati, skont kif jixraq.

Il-kaxxa "regolamenti oħrajn speċifikati fi Blokk 12" għandha tkun immarkata u d-dikjarazzjoni rigward iċ-ċertifikat ta' ħruġ għax-xogħol issir fi Blokk 12 għall-manutenzjoni kollha mwettqa minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati f'konformità mas-Sezzjoni A, Sottoparti F tal-Anness I (il-Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

Id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni "sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk" hija maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

(a) Meta l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta.

(b) Meta l-manutenzjoni tiddevja mill-istandard rekwiżit minn dan l-Anness (il-Parti-M).

(c) Meta l-manutenzjoni titwettaq f'konformità ma' rekwiżit differenti minn dak speċifikat f'dan l-Anness (il-Parti-M). F'dan il-każ Blokk 12 għandu jispeċifika r-regolament nazzjonali partikulari.

## **Blokk 14b Firma Awtorizzata**

Dan l-ispazju għandu jitlesta b'firma mill-persuna awtorizzata. Persuni speċifikament awtorizzati skont ir-regoli u l-politiki tal-Awtorità Kompetenti biss għandhom permess li jiffirmaw dan il-blokk. Biex jgħin l-identifikazzjoni, jista' jiżjed numru uniku li jidentifika l-persuna awtorizzata.

#### **Blokk 14c Numru taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni**

Ikteb in-numru/referenza taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni. Dan in-numru jew referenza jinħareġ mill-Awtorità Kompetenti.

#### **Blokk 14d Isem**

Ikteb, b'mod li jinqara, l-isem tal-persuna li tiffirma Blokk 13b.

#### **Blokk 14e Data**

Ikteb id-data meta jkun iffirmit Blokk 13b, id-data trid tkun fil-format  $jj = 2$  ċifri għall-jum,  $xxx = 1$ -ewwel 3 ittri tax-xahar,  $ssss = 4$  ċifri għas-sena.

#### **Responsabbiltajiet tal-Utent/Installatur**

Ikteb id-dikjarazzjoni li ġejja fiċ-Ċertifikat biex tinnotifika lill-utenti finali li huma ma jinħelsux mir-responsabbiltajiet tagħhom rigward l-installazzjoni u l-użu ta' kwalunkwe oġġett akkumpanjat mill-formola:

"Dan iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixxix awtomatikament awtorità għall-installazzjoni.

Meta l-utent/installatur iwettaq xogħol f'konformità mar-regolamenti ta' awtorità tal-ajrunavigabilità differenti mill-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1, huwa essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabilità tiegħu taċċetta oġġetti mingħand l-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1.

Dikjarazzjonijiet fi Blokki 13a u 14a ma jikkostitwixxux ċertifikat ta' installazzjoni. Fil-każijiet kollha, ir-rekords tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jrid ikun fihom ċertifikazzjoni tal-installazzjoni maħruġa f'konformità mar-regolamenti nazzjonali mill-utent/installatur qabel ikun jista' jittajjar l-inġenju tal-ajru."

1. Awtorità Kompetenti li Tapprova / Il-Pajjiż	<b>ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT</b> <b>FORMOLA 1 TAL-EASA</b>			3. Numru tal-Intraċċar tal-Formola
4. Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni:				
6. Oġġett	7. Deskrizzjoni	8. Numru tal-Parti	9. Kwantità	10. Numru Serjali
				11. Status/Xogħol
12. Rimarki				
13a. Tiċertifika li l-oġġetti identifikati hawn fuq kienu mmanifatturati f'konformità ma': <input type="checkbox"/> dejta tad-disinn approvata u jinsabu f'kundizzjoni li joperaw b'sigurtà <input type="checkbox"/> dejta tad-disinn mhux approvata speċifikata fi Blokk 12		14a. <input type="checkbox"/> Parti-145.A.50 Ħruġ għax-Xogħol <input type="checkbox"/> Regolazzjoni oħra speċifikata fi Blokk 12 Tiċertifika li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fi Blokk 12, ix-xogħol identifikat fi Blokk 11 u deskritt fi Blokk 12, twestaq f'konformità ma' Parti-145 u fl-ambitu ta' dak ix-xogħol, l-oġġetti jitqiesu lesti għal ħruġ għax-xogħol.		
13b. Firma Awtorizzata	13c. Numru tal-Approvazzjoni/Awtorizzazzjoni	14b. Firma Awtorizzata		
13d. Isem	13e. Data (jj xxx ssss)	14c. Numru tar-Referenza taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni		
		14d. Isem		
		14e. Data (jj xxx ssss)		
<b>RESPONSABILTAJIET TAL-UTENT/INSTALLATUR</b>  Dan iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixx awtomatikament awtorità biex ikun(u) installat(i) l-oġġett(i). Meta l-utent/installatur iwettaq xogħol f'konformità mar-regolamenti ta' awtorità tal-ajrunavigabilità differenti mill-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1, huwa essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabilità tiegħu taċċetta oġġetti mingħand l-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1. Dikjarazzjonijiet fi Blokki 13a u 14a ma jikkostitwixxux ċertifikat ta' installazzjoni. Fil-każijiet kollha, ir-rekord tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jrid ikun fihom ċertifikazzjoni tal-installazzjoni maħruġa f'konformità mar-regolamenti nazzjonali mill-utent/installatur qabel ikun jista' jittajjar l-inġenju tal-ajru. [Formola 1 tal-EASA - Verżjoni 2]				

(2) L-Appendiċi I (il-Formola 1 tal-EASA, iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat) tal-Anness II (il-Parti-145) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 qed jinbidel bl-Appendiċi I irrivedut li ġej:

## **Appendiċi I**

### **ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT – IL-FORMOLA 1 TAL-EASA**

Dawn l-istruzzjonijiet jirrelataw biss mal-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' manutenzjoni. Qed tinġibed l-attenzjoni għall-Appendiċi I għall-Parti-21 li jkopri l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' produzzjoni.

#### **1. GĦAN U UŻU**

Għan primarju taċ-Ċertifikat huwa li jiddikjara l-ajrunavigabilità ta' xogħol ta' manutenzjoni mwettaq fuq prodotti, partijiet u tagħmir (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'oġġett(i)').

Trid tkun stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-Ċertifikat u l-oġġett(i). L-oriġinatur irid iżomm Ċertifikat f'forma li tippermetti l-verifika tad-dejta oriġinali.

Iċ-Ċertifikat huwa aċċettabbli għal ħafna awtoritajiet tal-ajrunavigabilità, imma jista' jkun dipendenti fuq ftehimiet bilaterali u/jew il-politika tal-awtorità tal-ajrunavigabilità. Id-'dejta tad-disinn approvata' imsemmija f'dan iċ-Ċertifikat imbagħad tiġi tfiger approvata mill-awtorità tal-ajrunavigabilità tal-pajjiż li jimporta.

Iċ-Ċertifikat mhuwiex nota ta' kunsinna jew ta' trasport.

L-inġenji tal-ajru m'għandhomx jinħarġu permezz taċ-Ċertifikat.

Iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixx approvazzjoni biex ikun installat oġġett fuq inġenju tal-ajru, magna, jew skrun partikulari, imma jgħin lill-utent finali biex jiddetermina l-istejtus tal-approvazzjoni rigward l-ajrunavigabilità tiegħu.

Fl-istess Ċertifikat mhijiex permessa taħlita ta' oġġetti maħruġa mill-produzzjoni u maħruġa mill-manutenzjoni.

#### **2. FORMAT ĠENERALI**

Iċ-Ċertifikat irid ikun konformi mal-format mehmuż inklużi n-numri tal-blokk u l-pożizzjoni ta' kull blokk. Id-daqs ta' kull blokk jista' madankollu jvarja biex ikun adattat ma' applikazzjoni individwali, imma mhux sal-punt li jirrendi liċ-Ċertifikat wieħed li ma jintgħarafx.

Iċ-Ċertifikat irid ikun f'format landscape imma d-daqs ġenerali jista' jiżdied jew jonqos sinifikament sakemm iċ-Ċertifikat jibqa' jingħaraf u jinqara. Jekk ikun hemm dubju għandha tkun ikkonsultata l-Awtorità Kompetenti.

Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Utent/Installatur tista' titpoġġa fuq naħa jew oħra tal-formola.

L-istampar kollu jrid ikun ċar u jista' jinqara biex jippermetti li jinqara faċilment.

Iċ-Ċertifikat jista' jkun jew stampat minn qabel jew iġġenerat minn kompjuter imma f'kull każ l-istampar tal-linji u l-karattri jrid ikun ċar u li jista' jinqara u f'konformità mal-format definit.

Iċ-Ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż, u jekk ikun adattat, b'lingwa jew lingwi oħra.

Id-dettalji li jridu jinkitbu fiċ-Ċertifikat jistgħu jkun stampati minn magna/kompjuter jew miktuba bl-id permezz ta' ittri kapitali u li jippermettu li jinqraw faċilment.

L-użu tat-taqsis għandu jkun illimitat għall-minimu, biex tkun mgħejjuna ċ-ċarezza.

L-ispazju li jibqa' fuq in-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat jista' jintuża mill-oriġinatur għal tagħrif addizzjonali imma m'għandux jinkludi dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni. Kwalunkwe użu tan-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat trid tisemma fil-blokk adattat fil-faċċata ta' quddiem taċ-Ċertifikat.



### 3. KOPJI

M'hemmx restrizzjoni fuq l-għadd ta' kopji taċ-Ċertifikat mibgħuta lill-klijent jew miżmuma mill-oriġinatur.

### 4. ŻBALL(JI) F'ĊERTIFIKAT

Jekk utent finali jsib żball(ji) f'Ċertifikat, huwa jrid jidentifikah(hom) bil-miktub lill-oriġinatur. L-oriġinatur jista' joħroġ Ċertifikat ġdid jekk jista' jivverifika u jikkoreġi l-iżball(ji).

Iċ-Ċertifikat il-ġdid irid ikollu numru tal-intraċċar, firma u data ġodda.

It-talba għal Ċertifikat ġdid tista' tkun onorata mingħajr verifika mill-ġdid rigward il-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-Ċertifikat il-ġdid mhuwiex dikjarazzjoni tal-kundizzjoni attwali u għandu jirreferi għaċ-Ċertifikat preċedenti fi Blokk 12 permezz tad-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan iċ-Ċertifikat jikkoreġi l-iżball(ji) fi Blokk(i) [ikteb il-blokk(i) ikkoreġut(i)] taċ-Ċertifikat [ikteb in-numru tal-intraċċar oriġinali] bid-data [ikteb id-data tal-ħruġ oriġinali] u ma jkoprix il-konformità/kundizzjonji/ħruġ għax-xogħol". Iż-żewġ Ċertifikati għandhom jinżammu f'konformità mal-perjodu taż-żamma assoċjata mal-ewwel wieħed.

### 5. TLESTIJA TAĊ-ĊERTIFIKAT MILL-ORIĠINATUR

#### **Blokk 1 Awtorità Kompetenti li Tapprova/Il-Pajjiż**

Iddikjara l-isem u l-pajjiż tal-Awtorità Kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha jinħareġ dan iċ-Ċertifikat. Meta l-Awtorità Kompetenti hija l-Aġenzija, jitniżżel biss "EASA".

#### **Blokk 2 Titolu tal-Formola 1 tal-EASA**

"ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT"  
FORMOLA 1 TAL-EASA

#### **Blokk 3 Numru tal-Intraċċar tal-Formola**

Ikteb in-numru uniku stabbilit mis-sistema/proċedura ta' numerazzjoni tal-organizzazzjoni identifikata fi Blokk 4; dan jista' jinkludi karattri alfa/numeriċi.

#### **Blokk 4 Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni**

Ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ tal-organizzazzjoni approvata (irreferi għall-Formola 3 tal-EASA) li toħroġ ix-xogħol kopert minn dan iċ-Ċertifikat. Logos, eċċ., huma permessi jekk jistgħu jiddaħħlu fil-blokk.

#### **Blokk 5 Ordni tax-Xogħol/Kuntratt/Fattura**

Biex jitħaffef l-intraċċar tal-oġġett(i) mill-klijent, ikteb in-numru tal-ordni tax-xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru tal-fattura, jew numru ta' referenza simili.

#### **Blokk 6 Oġġett**

Ikteb in-numri tal-linja tal-oġġett meta jkun hemm aktar minn linja ta' oġġett waħda. Dan il-blokk jippermetti li jsiru referenzi trasversali b'mod faċli mar-Rimarki fi Blokk 12.

#### **Blokk 7 Deskrizzjoni**

Ikteb l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata preferenza lit-terminu użat fl-istruzzjonijiet tal-ajrunavigabilità kontinwa jew id-dejta tal-manutenzjoni (pereżempju Katalgu tal-Partijiet Illustrat, Manwal tal-Manutenzjoni ta' Inġenju tal-Ajru, Bulettin tal-Manutenzjoni, Manwal tal-Manutenzjoni ta' Komponent).

#### **Blokk 8 Numru tal-Parti**

Ikteb in-numru tal-parti kif jidher fuq l-oġġett jew it-tikketta/imballaġġ. Fil-każ ta' magna jew skrun, tista' tintuża l-indikazzjoni tat-tip.

## Blokk 9 Kwantità

Iddikjara l-kwantità tal-oġġetti.

## Blokk 10 Numru Serjali

Jekk l-oġġett ikun irrekwiżit mir-regolament li għandu jkun identifikat b'numru serjali, iktbu hawn. Barra minn hekk, kwalunkwe numru serjali ieħor mhux irrekwiżit mir-regolament jista' jinkiteb ukoll. Jekk mhemmx numru serjali identifikat fuq l-oġġett, ikten "N/A".

## Blokk 11 Status/Xogħol

It-tabella li ġejja tiddeskrivi it-tidħil permissibbli għal Blokk 11. Ikteb waħda biss minn dawn it-termini – fejn aktar minn waħda tkun applikabbli, uża dik li tiddeskrivi bl-aktar mod preċiż il-maġġoranza tax-xogħol imwettaq u/jew l-istatus tal-artikolu.

Daħliet	Tifsira
Eżaminat bir-reqqa qabel it-tiswija	Tfisser proċess li jiżgura li l-oġġett jinsab f'konformità sħiħa mat-tolleranzi tax-xogħol applikabbli speċifikati fiċ-ċertifikat tat-tip tad-detentur, jew l-istruzzjonijiet tal-manifattur tat-tagħmir għall-ajrunavigabilità kontinwa, jew fid-dejta li hija approvata jew aċċettata mill-Awtorità. L-oġġett, mill-inqas, irid jiżżarma, jitnaddaf, ikun spezzjonat, jissewwa kif ikun meħtieġ, jintrama mill-ġdid u jkun ittestjat f'konformità mad-dejta speċifika ta' hawn fuq.
Imsewwi	Rettifikazzjoni tad-difett(i) bl-użu ta' standard applikabbli.*
Spezzjonat/ Ittestjat	Kontroll, kejl, eċċ. f'konformità ma' standard* applikabbli (pereżempju spezzjoni viżwali, testijiet funzjonali, testijiet ta' qabel il-produzzjoni, eċċ.).
Immodifikat	Tidil ta' oġġett biex isir konformi ma' standard applikabbli.*

\* Standard applikabbli tfisser standard tal-manifattura/disinn/manutenzjoni/kwalità, metodu jew prattika approvati jew aċċettati mill-Awtorità Kompetenti. L-istandard applikabbli għandu jkun deskritt fi Blokk 12.

## Blokk 12 Rimarki

Iddeskrivi x-xogħol identifikat fi Blokk 11, direttament jew permezz ta' referenza għal dokumentazzjoni ta' appoġġ, li hu meħtieġ għall-utent jew l-installatur biex jiddetermina l-ajrunavigabilità ta' oġġett(i) fl-ambitu tax-xogħol li qed ikun iċċertifikat. Jekk ikun meħtieġ, tista' tintuża folja separata u tingħata referenza mill-Formola 1 tal-EASA ewlenija. Kull dikjarazzjoni trid tidentifika b'mod ċar ma' liema oġġett(i), fi Blokk 6, tirrelata.

Eżempji ta' tagħrif li jrid jinkiteb fi Blokk 12 huma:

- Dejta tal-manutenzjoni użata, inkluż l-istatus u r-referenza tar-reviżjoni.
- Konformità mad-Direttivi tal-ajrunavigabilità jew il-bullettini tal-manutenzjoni.
- Tiswijiet imwettqa.
- Modifiki mwettqa.
- Partijiet għall-bdil installati.
- L-istejtus ta' partijiet b'ħajja limitata.
- Devjazzjonijiet mill-ordni tax-xogħol tal-klijent.
- Dikjarazzjonijiet ta' ħruġ biex jissodisfaw rekwiżit tal-manutenzjoni ta' Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili barranija.
- Tagħrif meħtieġ bħala appoġġ għat-trasport b'nuqqasijiet jew immuntar mill-ġdid wara l-kunsinna.
- Id-dikjarazzjoni rigward iċ-ċertifikat ta' ħruġ għax-xogħol ta' komponent imsemmija fil-punt M.A.613:

“Tiċċertifika li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’dan il-blokk, ix-xogħol identifikat fi Blokk 11 u deskritt f’dan il-blokk twettaq f’konformità mar-rekwiżiti tas-Sezzjoni A, Sottoparti F, tal-Anness I (il-Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, u fl-ambitu ta’ dak ix-xogħol l-oġġett jitqies lest għal ħruġ għax-xogħol. DAN MHUX ĦRUĠ SKONT L-ANNES II (IL-PARTI-145) GĦAR-REGOLAMENT (KE) NRU 2042/2003.”

Jekk tistampa d-dejta minn Formola 1 tal-EASA elettronika, kwalunkwe dejta mhux adattata għal blokki oħra għandha tinkiteb f’dan il-blokk.

### **Blokk 13a-13e**

Rekwiżiti Ġenerali għal Blokki 13a-13e:

Ma jintużawx għal ħruġ ta’ manutenzjoni. Skura jew immarka b’xi mod ieħor biex tevita l-użu bla ħsieb jew mingħajr awtorizzazzjoni.

### **Blokk 14a**

Immarka l-kaxxa(kaxex) adattata u indika liema regolamenti japplikaw għax-xogħol li tlesta. Jekk il-kaxxa “regolazzjoni oħra speċifikata fi Blokk 12” hija mmarkata, f’dak il-każ ir-regolamenti tal-awtorità(ajjet) tal-ajrunavigabilità l-oħra jridu jkunu identifikati fi Blokk 12. Mill-inqas kaxxa waħda trid tkun immarkata, jew iż-żewġ kaxex jistgħu jkunu mmarkati, skont kif jixraq.

Id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni “sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’dan il-blokk” hija maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

(a) Meta l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta.

(b) Meta l-manutenzjoni tiddevja mill-istandard rekwiżit minn dan l-Anness (il-Parti-M).

(c) Meta l-manutenzjoni titwettaq f’konformità ma’ rekwiżit differenti minn dak speċifikat f’dan l-Anness (il-Parti-M). F’dan il-każ Blokk 12 għandu jispeċifika r-regolament nazzjonali partikulari.

### **Blokk 14b Firma Awtorizzata**

Dan l-ispazju għandu jitlesta b’firma mill-persuna awtorizzata. Persuni awtorizzati speċifikament skont ir-regoli u l-politiki tal-Awtorità Kompetenti biss għandhom permess li jiffirmaw dan il-blokk. Biex jgħin fl-identifikazzjoni, jista’ jiżjed numru uniku li jidentifika l-persuna awtorizzata.

### **Blokk 14c Numru taċ-Ċertifikat/Awtorizzazzjoni**

Ikteb in-numru/referenza taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni. Dan in-numru jew referenza jinħareġ mill-Awtorità Kompetenti.

### **Blokk 14d Isem**

Ikteb, b’mod li jinqara, l-isem tal-persuna li tiffirma Blokk 14b.

### **Blokk 14e Data**

Ikteb id-data meta jkun iffirmit Blokk 13b, id-data trid tkun fil-format jj = 2 ċifri għall-jum, xxx = l-ewwel 3 ittri tax-xahar, ssss = 4 ċifri għas-sena.

### **Responsabbiltajiet tal-Utent/Installatur**

Ikteb id-dikjarazzjoni li ġejja fiċ-Ċertifikat biex tinnotifika lill-utenti finali li huma ma jinħelsux mir-responsabbiltajiet tagħhom rigward l-installazzjoni u l-użu ta’ kwalunkwe oġġett akkumpanjat mill-formola:

“Dan iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixx awtomatikament awtorità għall-installazzjoni.

Meta l-utent/installatur iwettaq xogħol f’konformità mar-regolamenti ta’ awtorità tal-ajrunavigabilità differenti mill-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1, huwa essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabilità tiegħu taċċetta oġġetti mingħand l-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1.

Dikjarazzjonijiet fi Blokki 13a u 14a ma jikkostitwixxux ċertifikat ta’ installazzjoni. Fil-każijiet kollha, ir-rekords tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jrid ikun fihom ċertifikazzjoni tal-

installazzjoni maħruġa f'konformità mar-regolamenti nazzjonali mill-utent/installatur qabel ikun jista' jittajjar l-inġenju tal-ajru."

1. Awtorità Kompetenti li Tapprova / Il-Pajjiż	<b>ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ AWTORIZZAT</b> <b>FORMOLA 1 TAL-EASA</b>				3. Numru tal-Intraċċar tal-Formola
4. Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni:					
6. Oġġett	7. Deskrizzjoni	8. Numru tal-Parti	9. Kwantità	10. Numru Serjali	11. Status/Xogħol
12. Rimarki					
13a. Tiċertifika li l-oġġetti identifikati hawn fuq kienu mmanifatturati f'konformità ma': <input type="checkbox"/> dejta tad-disinn approvata u jinsabu f'kundizzjoni li joperaw b'sigurtà <input type="checkbox"/> dejta tad-disinn mhux approvata speċifikata fi Blokk 12		14a. <input type="checkbox"/> Parti-145.A.50 Ħruġ għax-Xogħol <input type="checkbox"/> Regolazzjoni oħra speċifikata fi Blokk 12 Tiċertifika li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fi Blokk 12, ix-xogħol identifikat fi Blokk 11 u deskritt fi Blokk 12, twestaq f'konformità ma' Parti-145 u fl-ambitu ta' dak ix-xogħol, l-oġġetti jitqiesu lesti għal ħruġ għax-xogħol.			
13b. Firma Awtorizzata	13c. Numru tal-Approvazzjoniu/Awtorizzazzjoni	14b. Firma Awtorizzata			
13d. Isem	13e. Data (jj xxx ssss)	14c. Numru tar-Referenza taċ-Ċertifikat/Approvazzjoni			
		14d. Isem			
		14e. Data (jj xxx ssss)			
<b>RESPONSABILTAJIET TAL-UTENT/INSTALLATUR</b>					
Dan iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixx awtomatikament awtorità biex ikun(u) installat(i) l-oġġett(i). Meta l-utent/installatur iwettaq xogħol f'konformità mar-regolamenti ta' awtorità tal-ajrunavigabilità differenti mill-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1, huwa essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabilità tiegħu taċċetta oġġetti mingħand l-awtorità tal-ajrunavigabilità speċifikata fi Blokk 1. Dikjarazzjonijiet fi Blokki 13a u 14a ma jikkostitwixx ċertifikat ta' installazzjoni. Fil-każijiet kollha, ir-rekord tal-manutenzjoni tal-ingenjri tal-ajru jrid ikun fihom ċertifikazzjoni tal-installazzjoni maħruġa f'konformità mar-regolamenti nazzjonali mill-utent/installatur qabel ikun jista' jittajjar l-inġenju tal-ajru.					
[Formola 1 tal-EASA - Verżjoni 2]					

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

(1) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(2) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni ta' sezzjoni A tal-Parti-M sottoparti F u sezzjoni A tal-Parti-145 jistgħu jkomplu joħorġu Ċertifikati ta' Fruġ Awtorizzat jew dikjarazzjonijiet ta' konformità billi jużaw il-Formola 1 tal-EASA verżjoni 1, kif stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) kif ukoll l-Appendiċi I għall-Anness II (il-Parti-145) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 sa jj/xx/ss [sena wara d-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

*Magħmul fi Brussell,*

*Għall-Kummissjoni*

*Membru tal-Kummissjoni*